ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 39 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta 6 ta' Settembru 2011, fis-1.30pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjal

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Awwissu 2011;
   b) Skeda ta' Ħlas Awwissu 2011;
   c) Approvazzjoni tal-Karti Bilanċjali (Jannar – Ġunju 2011);
5. Kowċing tat-Tfal;
6. Offerti;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 38 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

Is-Segretarju qalet li s-Sindku flimkien magħha intaqgħu mas-Sur Josie Brincat fl-uffiċċini tat-*Transport Malta* fejn dan qal li l-Kunsill għandu jneħħi r-*road hump* li hemm ħdejn il-mużew tal-bniet. Is-Sindku qal li din titneħħa iżda se jżomm lill-*Transport Malta* responsabbli jekk iweġġa' xi ħadd.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 68/2011 dwar Korsijiet għall-Adulti *( Lifelong Learning Classes*).
Memo 69/2011 – Strateġija Nazzjonali ta' Taħriġ. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali se jimplimenta strateġija nazzjonali ta' taħriġ għal kull min jagħti s-servizzi tiegħu fis-sistema tal-Gvern Lokali.
Memo 70/2011 – Ħlasijiet ta' Dokumenti dwar Offerti, minħabba li hemm xi Kunsilli Lokali li qed jitolbu ħlasijiet eżorbitanti meta kuntratturi jiġbru dokumenti dwar Sejħiet għall-Offerti. Il-ħlas mitlub m'għandu qatt jaqbeż il- €150.
Memo 71/2011 – Skema ta' Finanzjament għall-Kumitati Reġjonali.
Memo 75/2011 – Avviżi Legali dwar l-Infurzar Lokali.
Memo 79/2011 – Kontroll fuq il-Firxa tal-Bumunqar l-Aħmar.

   Irċevejna wkoll dwar Memo 27/2010, fejn ġejna mitluba sabiex ngħaddu x'informazzjoni relatata mal-Iskema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali f'Lokalitaijiet Żgħar, peress li l-informazzjoni ma tinsabx f'idejna fil-preżent infurmajna li meta din tkun lesta ngħadduha lid-Dipartiment, fejn ma sabux problema dwar dan.

2. Mill-AKL irċevejna dwar il-Laqgħa tas-Sindki li jmiss fit-28 u d-29 t'Ottubur, 2011, li ser issir *MK Leisure Complex*, Ħal Luqa u formoli annessi.

3. Mill-MEPA rċevejna dwar PA 3123/10 dwar il-*minor amendments* tas' l-applikazzjoni tal-Kunsill li kellhom isiru ta' PA 4522/07 tal-*Housing Estate*.

   Irċevejna dwar PA 4720/03 dwar il-plant ta' Triq il-Belt Valletta, sabiex infurmawna li ser jiltaqa' l-*board* fil-15 ta' Settembru, 2011, fejn aħna minn naħa tagħna erġajna oġġezzjonajna għal dan l-iżvilupp u wkoll infurmaw li dan il-permess ġie imwaqqa'.
   Bagħatu wkoll dwar PA 0031/11 fejn qed jintalab li titwessa' Triq il-15 ta' Frar 1970.

Infurmaw ukoll dwar Skedar ta' Proprjeta' fejn għarrfu li l-Knisja Parrokjali ġiet skedata.

4. Mit-Transport Malta fejn infurmaw dwar ir-*road thumps* li hemm fi Triq il-Ġistakor fejn dawk immarkata fil-pjanta li huma tnejn A u B, iridu jitneħħew fi żmien tlett ġimgħat.
Fuq l-istess suġġett irċevejna ittra oħra li fir-rigward tat-tielet waħda mmarkata Ċ trid isir skond il-kundizzjonijiet imniżżla fuq l-istess ittra.

Infurmaw ukoll dwar it-*traffic calming Measures* f'Dawret Ħal Għaxaq, pjanta annessa.

5. Mingħand Bonnici Bros. Ltd., fejn infurmaw li peress li l-prezz tal-*fuel oil* u *bitumen* għola b'mod konsiderevoli dan ser jiġi rifless fir-rati tal-Offerta tal-PPP. Il-Kunsill iddeċieda li jsir kuntatt mal-Avukat tal-Kunsill, is-Sur Luciano Busuttil biex nieħdu parir dwar din l-ittra.

6. Mill-GAL Xlokk infurmaw li ser isir *Training Course* l-Italia taħt il-programm Leader bejn il-11 u l-15 ta' Novembru, 2011 għall-membri.

7. Mill-*Għaxaq FC Youth Nursery*, fejn talbu l-koperazzjoni tal-Kunsill fil-ħlas tal-kowċis.

8. Mingħand A.Borg Caruana – AO, fejn bagħat jinfurmana dwar ir-*rosters*.

9. Mingħand l-*Iscouts Group*, fejn qed tintalab sabiex isir laqgħa mal-Kunsill.

10. Mill-Kumitat Konġunt, fejn bagħatu l-Aġenda għal laqgħa li jmiss.

11. Mill-ETC fejn infurmaw li l-parteċipazzjoni tas-Sur Bonnici fl-iskema ser tiġi estiża għal sitt xhur oħra.
Infurmaw ukoll dwar Kors b'xejn fl-użu tal-kompjuters għall-mikrointrapriżi.

12. Mingħand is-Sur Gaetano Mercieca, fejn qed joġġezzjoni dwar trakkijiet li ser jgħaddu bi skart tossiku minn Bir id-Deheb.

13. *Press Release* dwar id-Devoluzzjoni tat-Turretta.

14. Mingħand il-President u Kumitat tal-Każin Nazzjonalista l-Kunsill irceiva stedina għar-riċeviment nhar is-7 ta' Settembru fit-20.00, f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena mill-ftuħ tal-Uffiċċju 'Dar Għaqda'. Ġie deċiż mill-Kunsill li jinxtara *momentum* biex jiġi ppreżentat waqt ir-riċeviment.

15. *Econing Engineering* wara li għamlu l-evalwazzjoni tal-Offerta GħLC 03/11 għal panelli, infurmaw b'rapport lill-Kunsill li l-aħjar offerta hi dik tal-kumpanija Alberta.

**Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

a) Intbagħatet e-mail lis-Sur Azzopardi, fejn tlabnih jikkunsidra r-riżenja tiegħu mis-Sotto Kumitat tall-Finanzi, is-Sur Azzopardi fil-fatt attenda għall-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi.

b) Intbagħatet e-mail lis-Sur Ivan Pierre Vella fi ħdan it-*Transport Malta*, fejn indikajna s-suġġerimenti tagħna fir-rigward tar-rotta X5, fejn dawn qalulna ser jikkunsidrawhom.

ċ) Intbagħat avviż lill-ġurnal Kulħadd dwar is-suġġett Periklu f'Bir id-Deheb, fejn ġiet imwiegba ittra fuq l-istess suġġett li deheret f'dan il-ġurnal.

d) Intbagħatet e-mail oħra lis-Sur Ivan Pierre Vella ta' *Transport Malta*, fejn tlabna sabiex isir appuntament miegħu minħabba r-rotta X5.
Intbagħatet ukoll lill-Arriva sabiex isir laqgħa magħhom ukoll, fejn dawn wieġbu li fejn għandhom x'jaqsmu bħala rotot it-*Transport Malta* hija responsabbli minnhom.

e) Lill-Ing. Curmi tal-WSC, fejn fakkarnih sabiex jinħareġ il-permess għal Triq Napuljun Caruana Dingli. Is-Sindku qal li minħabba li l-main tal-ilma qiegħed ġol-ħamrija fejn il-Kunsill se jagħmel it-tarmak, il-WSC iridu li l-main jitħallas mill-Kunsill. Is-Sindku kellem lill-Inġinier Joseph Curmi u ġie deċiż li dan il-main isir u jitħallas mill-WSC.

**4. Materji Finanzjarji**

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Awwissu 2011 u li kienu jammontaw għal € . Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Talab li jiġu miġbuda mill-Bank € biex is-Segretarju jkollha biżżejjed *cash flow*.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Awwissu 2011*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu 2011 u li jammontaw għal € 30,745.92. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mill-Kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

*4.1.3* Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-Kumitat tal-Finanzi qed jirrakkomanda lill-Kunsill biex japprova r-rapport mħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill għal perjodu msemmi. Hu poġġa fuq il-mejda kopja ta' l-Istqarrija Finanzjarja u kopja tal-Minuti ta' l-istess Kumitat. (Appendiċi A u B).

Ir-Rapport Finanzjarju ġie approvat wara proposta mis-Sinjura Agius sekondata mis-Sur Picco.

**5. Kowċing għat-Tfal**

Ġie deċiż li l-Kunsill jwaqqaf kors għan-*Nursery* ta' *Għaxaq Football Club,* wara li ġie avviċinat minn diversi ndividwi. Filwaqt li l-Kunsill ikun qiegħed iħallas għal dan il-kors, minħabba li l-benefiċċjarji huma l-istess *Għaxaq Football Club*, il-Kunsill qed jitlob li dan il-*Club* jagħti permess li l-Kunsill jagħmel użu tal-grawnd u d-dawl bla ħlas għal mill-anqas sebgħa attivitajiet li l-Kunsill jista' jagħmel fis-sena.

Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar isir ftehim ta' koperazzjoni miż-żewg naħat, iżda isir qbil ukoll li t-tfal li jattendu għat-*training* ma' jintalbu ebda ħlas għat-*training*.

**6. Offerti**

Waqt il-laqgħa tal-Kunsill infethu l-Offerti:

Għal GhLC 01/11– Cleaning of Area around Football Ground, kien hemm tlett (3) offerti. Annessa mal-Minuti (App. 1).

a) Crane Hire Service € 826 VAT inkluża;
b) Ricky Caruana €4,200 VAT inkluża;
c) Ronald Bezzina € 150 per truck VAT inkluża.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' *Crane Hire Service* għas-somma ta' € 826 VAT inkluża.

Għal GhLC 02/11– *Construction of Playing Field Area in Għaxaq Housing Estate Phase 2,* kien hemm żewġ (2) offerti. Annessa mal-Minuti *Schedule of Tenderers* (App. 2)

1. L-Offerta ta' Charles Sammut hija dik ta' € 108,162
2. l-Offerta ta' Jason Barbara wara li ġiet miftuħa instab li hemm rekwiżit importanti nieqes u din hija il-*Bank Guarantee.* Tali nuqqas jiskwalifika din l-offerta.

Għaldaqstant il-Kunsill għażel l-Offerta tas-Sur Charles Sammut. Ġie deċiż ukoll li ssir laqgħa mas-Sur Charles Sammut sabiex jiġi diskuss ix-xogħol li ser isir.

**7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Is-Sindku qal li l-*playing field* hemm il-ħtieġa li jsiru xi xogħolijiet, dawn jinkludu bdil ta' viti kif ukoll il-ktajjen tal-bandli li jridu jsiru tan-*nickel,* is-sedini jridu jsiru tal-plastik. Qal ukoll li jridu jsiru tabelli fuq in-naħa ta' barra biex jindikaw min għandu jiġi kkuntatjat f'każ ta' Emergenza. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku żied jgħid li t-tabelli ta' ħdejn l-Iskola jridu jinbidlu għax iċċaraw u l-kitba ta' fuqhom ma tinqarax. Qal ukoll li jkun tajjeb jekk isiru tabelli li jindikaw fejn qiegħed il-grawnd il-kbir. Il-Kunsill qabel.

3. Il-Viċi Sindku qal li s-sinjali tat-toroq u *double yellow lines* li hemm fil-pjazza jeħtieġ li jiġu riffreskati, kif ukoll il-kurduna bajda ta' ħdejn il-knisja. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sinjura Agius qalet li hemm il-ħtieġa li jsir kuntatt mal-ELC biex jinżabru s-siġar tal-ByPass. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sinjura Agius qalet ukoll li z-zuntier tal-knisja ma ġiex maħsul wara l-festa ta' Santa Marija. Is-Segretarju qalet li se tikkuntattja lill-kuntrattur dwar dan. Il-Kunsill qabel.

6. Il-Kunsillier Attard qal li hemm il-ħtieġa ta' *double yellow line* fi Triq San Filippu Sqaq Nru. 5. Ġie deċiż li tinkiteb ittra dwar dan għal permess mingħand l-ADT. Il-Kunsill qabel.

7. Il-Kunsilliera Agius staqsiet il-kumplament ta' Triq il-Ħannieqa meta ser issir bit-tarmak, is-Sindku wieġeb li din dalwaqt ser issir.

8. Il-Kunsillier Attard staqsa jekk il-kuntrattur *Schembri Infrastructures* weġibx ghall-ittra li l-Kunsill kien bagħatlhu biex jirranġa Triq ir-Rebbiegħa. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma rċieva ebda risposta għaldaqstant il-quddiem jittieħdu passi biex din it-triq tittranġa.

9. Is-Sur Vassalo qal li fejn qabel kien hemm il-globi fejn il-monument ta' ħdejn il-*mini-pitch* jeħtieġ jitwaħħal riflettur u aktar il-quddiem isir dawl fuq l-iskips ħdejn Triq Tumbarellu. Qal ukoll li jeħtieġ niġbru kwotazzjonijiet għal kamera bis-solar fi Triq il-Ħannieqa. Il-Kunsill qabel.

**8. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fit-3.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2011, fis-2.30 pm.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Therese Xuereb** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**<u>Ikkonfermati:- It-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2011, fis-2.30pm.</u>**